**QORTI ĊIVILI - PRIM'AWLA**

**IMĦALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 30 ta' Mejju 2023**

**Kawża Numru: 2**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 1089/2022 JVC**

**Olga Gatt Nikolaevna K.I. 0036209L**

**vs**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat fejn ir-rikorrenti Olga Gatt Nikolaevna talbet kif isegwi:

'1. Illi l-esponenti li jisimha propju Olga Nikolaevna Namyatova twieldet f'Magnitogorsk fir-Russija kif jidher car mill-att tat-twelid taghha mmarkat Dok. OG1;

2. Illi konsegwentament ghac-certifikat tat-twelid taghha anke l-passaport taghha li jgib in-numru 1356763 juri illi l-esponenti twieldet ir-Russja, liema passaport huwa mahrug f'Malta kif muri fl-anness document immarkat Dok. OG2;

3. Illi l-esponenti ghandha wkoll certifikat ta' Cittadinanza Maltija bin-numru 11656 li juri li l-esponenti twieldet fir-Russja fid-9 ta' Mejju 1962 u li fid-9 ta' Jannar 2009 hija hadet ic-cittadinanza Maltija kif juri l-anness document immarkat Dok OG3;

4. Illi sahansitra anke l-karta ta' l-identita' ta' l-esponenti turi li hija twieldet ir-Russja kif juri d-dokument immarkat Dok. OG4;

5. Illi minkejja dawn id-dokumenti surriferiti kollha, meta l-esponenti zzewget lil Edgar Gatt fid-19 ta' Dicembru 202 fir-Registru taz-Zwigijiet il-Belt Valletta, kien sar zball u l-post tat-twelid ta' l-esponenti tnizzel bhala Magnitogorsk fil-Kazakstan kif juru z-zewg certifikati taz-zwieg immarkati Dok. OG5 u OG6;

6. Illi dan l-izball li jinsab biss fic-certifikat taz-zwieg biss qed johloq problemi lill-esponenti stante illi dan id-dokument juri post tat-twelid differenti minn dak veritier u minn dak imnizzel fid-dokumenti ufficjali kollha ohra;

7. Illi meta l-esponenti marret biex tikkoreggi dan l-izball, l-Awtoritajiet Maltin infurwaha li m'ghandhomx id-dritt li jaghmlu tibdil, anke jekk dan l-izball genwin, u li ghaldaqstant kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant l-esponenti umilment qieghda gentilment tiltob lil dina l-Onorabbli Qorti, previa kull dikjarazzjoni opportuna, joghgobha:-

1. Tiddikjara illi l-post tat-twelid kif imnizzel fic-certifikat taz-zwieg ta' bejn l-esponenti u zewgha Edgar Gatt u li jgib in-numru progressiv 2139/2002 huwa zbaljat;
2. Tordna illi l-post tat-twelid tal-esponenti ghandu jaqra bhala Magnitogorsk fir-Russja;
3. Tordna lill-intimat Direttur intimat li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjez kontra d-Direttur intimat li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.'

Rat ir-risposta ġuramentata ta' l-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku li taqra kif isegwi:

1. 'Illi in vena preliminari, qed jiġi rrilevat illi isem ir-rikorrenti, skont l-atti tal-istat ċivili ppreżentati minnha u skont id-dokumentazzjoni uffiċjali relattiva, huwa 'Olga Nikolaevna Gatt' u mhux 'Olga Gatt', u għalhekk l-esponent jissottometti illi sabiex il-ġudizzju jkun wieħed integru għandha tintalab korrezzjoni fl-okkju tal-kawża ai termini tal-artikolu 175 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Illi preliminarjament ukoll għandu jingħad li ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, għandha ssir id-debita publikazzjoni tas-smigħ tal-kawża odjerna fil-Gazzetta tal-Gvern minn tal-inqas ħmistax-il ġurnata qabel tali smigħ;

3. Illi għal dak li jikkonċerna l-mertu tal-kawża, l-esponent jistqarr illi m'huwiex edott mill-fatti kif ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat;

4. Illi skont l-Att taż-Żwieġ innumerat **2139/2002**, l-attriċi żżewġet f'Malta lil Edgar Gatt fid-19 ta' Diċembru 2002, u ħadet kunjomu. Fuq l-istess Att taż-Żwieġ, il-post tat-twelid tagħha ġie indikat bħala 'Magnitogorsk, Kazakstan', u dana skont kif iffirmat hi stess fuq l-Att taż-Żwieġ mertu tal-proċeduri odjerni. Minkejja dan, l-attriċi qed tisħaq illi l-post tat-twelid tagħha huwa 'Magnitogorsk' fir-Russja u mhux fil-Kazakstan, u għalhekk istitwiet dawn il-proċeduri, bil-għan illi din l-Onorabbli Qorti tordna li ssir korrezzjoni fil-post tat-twelid tagħha;

5. Illi bla ħsara għall-premess, fiċ-ċirkostanzi, fir-rigward tat-talbiet attriċi, l-esponent qiegħed jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, salv li l-provi miġjubin ikunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi;

6. Illi fir-rigward tat-tielet talba attriċi, jingħad illi ai termini tal-Artikolu 253 tal-Kodiċi Ċivili, korrezzjoni tista' ssir biss **f'dawk l-Atti tal-iStat Ċivili relattivi għall-persuna u, fejn ikun hemm, għall-ulied u dixxendenti ulterjuri ta' dik il-persuna**, liema atti jridu jiġu indikati fit-talba bin-numru tal-att u s-sena relattiva tagħhom. Għaldaqstant, jekk hemm atti oħrajn, minbarra l-Att taż-Żwieġ, li huma meħtieġa emendi fihom, l-esponent jistieden lir-rikorrenti sabiex tindika n-numru u s-sena relattiva ta' dawn l-atti permezz ta' nota. Għal kull buon fini, qed jiġi kkjarifikat ukoll illi l-esponent jista' jwettaq emendi biss f'atti tal-istat ċivili li jinsabu fil-poter tiegħu, u li kemm-il darba jintalab jirreġistra atti esteri, l-informazzjoni li tinsab f'tali atti

tiġi riprodotta *ad verbatim* fuq l-att lokali ai termini tal-artikolu 244 tal-Kodiċi Ċivili;

7. Illi finalment u dejjem bla ħsara għall-premess, id-Direttur intimat jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni attriċi mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas da parti tiegħu u għalhekk m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

8. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħda tiġi inġunta in subizzjoni.'

Rat illi saret id-debita publikazzjoni skont il-Liġi esebita fl-atti.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi fil-mertu l-Qorti rat id-dokumentazzjoni annessa mar-rikors guramentat tar-rikorrenti li fost ohrajn fic-certifikat tat-twelid taghha a fol 4 tal-process kif registrat mid-Direttur intimat stess juri l-post tat-twelid bhala 'Magnitogorsk Russia'.

Rat id-dokument esebit mid-Direttur intimat fis-seduta tal-4 ta' Mejju 2023 li juri li meta gie registrat l-att taz-zwieg tar-rikorrenti hija ffirmat ghal post tat-twelid bhala 'Magnitogorsk Kazakstan' u

mhux Russja b'dana li jirrizulta li kienet ir-rikorrenti stess li ghazlet li tiffirma dokumentazzjoni zbaljata.

Rat illi effettivament iz-zewg registrazzjonijiet it-tnejn jindikaw il-post 'Magnitogorsk' li effettivament jirrizulta li dan il-post huwa fir-Russja u mhux fil-Kazakstan, ghaldaqstant it-talbiet tar-rikorrenti huma gustifikati u l-Qorti ser tghaddi sabiex tilqa' l-istess.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant, ir-ragunijiet kollha suesposti il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi l-kawza odjerna kif isegwi:

1. Tichad l-eccezzjonijiet tal-intimat sakemm dawn huma nkompatibbli ma' dak hawn deciz;

2. Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti w tiddikjara illi l-post tat-twelid kif imnizzel fic-certifikat taz-zwieg ta' bejn ir-rikorrenti u zewgha Edgar Gatt u li jgib in-numru progressiv 2139/2002 huwa zbaljat;

3. Tilqa' it-tieni talba u tordna illi l-post tat-twelid tar-rikorrenti ghandu jaqra bhala Magnitogorsk fir-Russja fuq l-istess certifikat taz-zwieg bin-numru progressiv 2139/2002;

4. Tilqa' it-tielet talba u tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex dan it-tibdil jigi rifless fic-certifikat u fuq l-

atti fejn neccessarju fil-poter tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku;

5. Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fic-cirkostanzi l-ispejjez għandhom jigu sofferti mir-rikorrenti stess.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**30 ta' Mejju 2023**

**Cora Catania**
**Deputat Reġistratur**
**30 ta' Mejju 2023**